MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 144/2008/1

**L-Avukat Dottor Hugh Peralta bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Action Apparal Limited**

**v.**

**Match Music Stores (Malta) Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine minnu pprezentat fit-12 ta' Frar 2008, li jghid hekk:

"1. Illi s-socjeta` attrici bieghet, provdit u forniet lis-socjeta` konvenuta merkanzija ta' hwejjeg u dana fuq

ordni tas-socjeta` konvenuta u dana kif jirrizulta mill-Prospett u *Bills of lading* hawn annessi (ara DOK B sa DOK E) u mill-affidavit tad-direttur ta' Action Apparal Limited, Mr. Michael Anthony Pell (ara DOK A hawn anness);

"2. Illi z-zmien biex isir il-hlas ta' kull fattura hawn annessa ghalaq inutilment u s-socjeta` konvenuta naqset milli thallas l-prezz dovut ghall-istess merkanzija fis-somma ta' tmienja u tletin elf, sitt mija u disgha u sittin Lira Sterlina (STG 38,669) ekwivalenti ghall-sitta u hamsin elf, seba' mija tnejn u sittin Ewro (€56,762) (kif jirrizulta mill-prospett hawn anness (DOK B));

"3. Illi s-socjeta` attrici ghandha d-dritt titlob hlas in pien lis-socjeta` konvenuta ghall-istess merkanzija fis-somma hawn fuq imsemmija;

"4. Illi minkejja interpellata diversi drabi sabiex thallas il-prezz minnha dovut, u dana anke permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju 2007 (DOK C) is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

"5. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dina l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), stante li dan il-kreditu ta' sitta u hamsin elf, seba' mija tnejn u sittin Ewro (€56,762) huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont;

"6. Illi s-socjeta` konvenuta jafu b'dawn il-fatti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Ghaldaqstant, tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

"1. Tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-

Artikolu 167 *et sequentia* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

"2. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitta u hamsin elf, seba' mija tnejn u sittin Ewro (€56,762) rapprezentanti l-prezz tal-merkanzija hawn fuq imsemmija;

"3. Hekk tikkundanna u tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-istess somma ta' sitta u hamsin elf, seba' mija tnejn u sittin Ewro (€56,762) u dovuti kif fuq inghad.

"Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju 2007 u bl-imghaxijiet mid-data tal-bejgh sal-gurnata tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat li, b'decizjoni moghtija fl-24 ta' April 2008, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li qieset li hemm ragunijiet ghala l-konvenuta ghandha tithalla tikkontesta l-kawza, cahdet l-ewwel talba tas-socjeta` attrici, tat lill-konvenuta zmien ta' ghoxrin jum sabiex tressaq l-eccezzjonijiet taghha skond il-ligi u ordnat li l-kawza tkompli miexja bil-procedura normali;

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta tal-14 ta' Mejju 2008 li in forza taghha ecepiet:

"1. Illi l-esponenti teccepixxi bir-rispett illi hija, in rigward ghas-somma mitluba fir-rikors mahluf, apparti mill-ammont ta' disghat elef, tmin mija u hamsa u disghin Lira Sterlina u hamsin *penny* (£9,895.50), m'hijiex il-legittima kontradittrici ghall-bqija tal-ammont reklamat mill-attrici liema somma u cioe` ammont rimanenti apparti il-fuq imsemmi lis-socjeta` Polakka Chilli Poland Sp. z o.o., u mhux lill-konvenuta, ghalhekk il-konvenuta, dwar tali ammont rimanenti, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ma tistax tinzamm responsabbli in rigward ghal tali ammont.

“2. Illi l-esponenti teccepixxi bir-rispett u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni fuq imsemmija illi in linea ma’ l-ewwel eccezzjoni, jehtieg illi tigi kjamata in kawza l-kumpanija Chilli Poland Sp. z o.o. kumpanija registrata l-Polonja, bl-indirizz ul. Twarda 2/4, 00-105, Varsavja, il-Polonja, dana ghaliex parti kbira mill-merce illi ghaliha qieghed jintalab hlas giet mibjugha u kkonsenjata lilha u mhux lill-konvenuta esponenti, differentement minn kif tipprova tallega l-attrici.

“3. Illi l-esponenti teccepixxi bir-rispett u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq imsemmija f’dak illi ghandu x’jaqsam ma’ dik il- parti tat-talba in rigward ghas-somma ta’ disghat elef, tmin mija u hamsa u disghin Lira Sterlina u hamsin *penny* (£9,895.50), dina wkoll ghandha tincahad bl-ispejjez kontra l-attrici ghaliex l-attrici kienet f’dak ir-rigward altament inadempjenti, kemm minhabba illi il-merce kkonsenjata lill-konvenuta esponenti kienet tardiva, minhabba wkoll illi l-konsenji waqfu hesrem bi pregudizzju kbir ghall-konvenuta u fuq kollox il-merce kkonsenjata ma kienitx skond il-kwalita` pattwita, u ghalhekk, l-esponenti temmen, b’referenza ghal dak mitlub mill-Onorabbli Qorti fil-verbal tas-seduta tal-24 ta’ April 2008, illi ma hemm ebda ammont dovut minnha lill-attrici illi dwaru ma hemmx kontestazzjoni.

“4. Illi l-esponenti teccepixxi wkoll bir-rispett u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq imsemmija in rigward ghar-rimanenza tat-talba fl-ammont ta’ disghat elef, tmin mija u hamsa u disghin Lira Sterlina u hamsin *penny* (£9,895.50) illi r-rapprezentanti tal-attrici lanqas biss ma riedu jaccettaw offerta bla pregudizzju mill-konvenuta ghall-hlas tal-ammont ghall-merce illi effettivament intbaghtet Malta, imma riedu bil-fors illi l-konvenuta thallas ukoll is-somma illi hija marbuta mal-konsenja u l-bejgh tal-merce li saru lill-kumpanija Chilli Poland Sp. z o.o., u riedu bil-fors hlas shih mill-konvenuta taz-zewg ammonti fl-intier taghhom, u ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta ma ghandhiex tinsab responsabbli ghal kwalunkwe spejjez tal-prezenti procedura ghaliex il-kawza infethet bla ebda bzonn u ghalhekk intempestivament.

“5. Illi l-esponenti teccepixxi wkoll bir-rispett u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq imsemmija illi fil-jum tal-prezentata tar-rikors guramentat, ir-rata ta’ kambju bejn il-Lira Sterlina u l-Ewro ma kienitx twassal ghall-ammont mitlub mill-attrici f’Ewro fir-rikors mahluf.

“6. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

“Illi l-esponenti nomine jaf dawn il-fatti personalment.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li b’rikors ipprezentat fit-28 ta’ Ottubru 2008 is-socjeta` konvenuta talbet il-kjamata fil-kawza tal-kumpanija estera Chilli Poland Sp;

Rat li bi provvediment moghti fl-20 ta’ Novembru 2008, l-ewwel Qorti cahdet din it-talba tas-socjeta` konvenuta wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob mingħand is-soċjetà konvenuta l-ħlas tal-prezz ta’ merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-konvenuta. Il-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi ma hijiex kontradittur leġittimu għal parti kbira mis-somma mitluba għax parti kbira mill-konsenja kienet intbagħtet lis-soċjetà pollakka *Chilli Poland Sp. z.o.o.*, li ma hijiex parti fil-kawża, u talbet ukoll, b’rikors tat-28 ta’ Ottubru 2008[1], illi dik is-soċjetà tissejjaħ fil-kawża. L-attriċi opponiet it-talba.

“Fil-fehma tal-qorti, it-talba tas-soċjetà konvenuta ma jistħoqqilhiex li tintlaqa’.

“L-interess tal-konvenuta hu illi ma tkunx imġiegħla hi tħallas dak li għandu jitħallas minn terzi, iżda ma għandha ebda interess illi terzi jħallsu d-dejn tagħhom lill-attriċi: dak, *se mai*, huwa interess ta’ l-attriċi mhux tal-konvenuta. Biżżejjed għall-konvenuta biex tħares l-interessi tagħha li

1 *Fol*. 120.

turi illi ma hijiex debitriċi; ma huwiex meħtieġ fl-interess tal-konvenuta illi fl-istess kawża tinkiseb kundanna ta' terzi għall-ħlas tad-dejn. Is-sejħa fil-kawża kienet tkun fl-interess ta' l-attriċi, li mhux biss ma għamlitx it-talba iżda anzi opponieta, u mhux fl-interess tal-konvenuta.

"Għal din ir-raġuni l-Qorti tiċħad it-talba tal-konvenuta għas-sejħa ta' terzi fil-kawża."

Rat li b'rikors ipprezentat fis-26 ta' Novembru 2008, is-socjeta` konvenuta talbet lill-ewwel Qorti tirrikonsidra t-talba taghha u tawtorizza il-kjamata fil-kawza tal-kumpanija estera aktar qabel imsemmija;

Rat li bi provvediment moghti mill-ewwel Qorti fit-30 ta' Jannar 2009, din it-talba regghet giet michuda wara li dik il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-Qorti reġgħet rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Novembru 2008, u reġgħet qieset l-interess tal-konvenuta rikorrenti biex jissejħu terzi fil-kawża. Il-konvenuta trid illi tissejjaħ fil-kawża soċjetà barranija li, tgħid il-konvenuta, hija l-kontradittriċi leġittima flokha dwar parti mid-dejn li s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tiegħu.

"Il-Qorti ttenni illi l-interess tal-konvenuta hu illi ma tkunx imġiegħla hi tħallas dak li għandu jitħallas minn terzi, iżda ma għandha ebda interess illi terzi jħallsu d-dejn tagħhom lill-attriċi meta l-konvenuta tgħid illi ma hijiex marbuta hi wkoll għall-ħlas ta' dak id-dejn: dak, *se mai*, huwa interess ta' l-attriċi mhux tal-konvenuta. Biżżejjed għall-konvenuta biex tħares l-interessi tagħha li turi illi ma hjiex debitriċi; ma huwiex meħtieġ fl-interess tal-konvenuta illi fl-istess kawża tinkiseb kundanna ta' terzi għall-ħlas tad-dejn.

"Ukoll mir-rikors tas-26 ta' Novembru 2008 jidher illi jkun biżżejjed biex jitħares l-interess tal-konvenuta illi r-rappreżentanti tas-soċjetà barranija jissejħu biex jixhdu; biex isir dan ma huwiex meħtieġ li l-istess soċjetà tkun ukoll parti fil-kawża.

"Billi għalhekk is-sejħa fil-kawża twassal biss għal dewmien bla bżonn fil-proċeduri, u ma hijiex meħtieġa għall-ħarsien ta' xi interess leġittimu tal-konvenuta, il-Qorti tiċħad it-talba magħmula bir-rikors tas-26 ta' Novembru 2008 u ttenni d-deċiżjoni tagħha mogħtija bid-digriet tal-20 ta' Novembru 2008.

"L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandha tħallashom is-soċjetà konvenuta."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha;

"………thassar id-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, kemm dik originali kif ukoll dik illi tenniet l-ewwel decizjoni wara t-talba ghar-rikonsiderazzjoni, u minflok, tilqa' t-talba tal-konvenuta appellanta, tilqa' t-talba taghha u tordna l-kjamata in kawza tal-kumpanija Polakka Chilli Poland Sp. Z o.o, registrata il-polonja, u tirritorna l-kawza ghas-smiegh quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civil, dana dejjem skond kull provvediment illi jista' jinhtieg opportun."

Semghet lill-avukat tas-socjeta` konvenuta appellanti fl-udjenza tad-9 ta' Gunju 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi dan hu appell minn zewg decizjonijiet li tat l-ewwel Qorti li in forza taghhom cahdet talba tas-socjeta` konvenuta biex tigi msejjha fil-kawza s-socjeta` estera Chilli Poland Sp. Din il-Qorti taghmilha cara f'dan l-istadju (ghar-ragunijiet li se jirrizultaw aktar 'il quddiem) li hi taqbel mal-motivazzjoni li induciet lill-ewwel Qorti tichad it-talba tas-socjeta` konvenuta.

Il-posizzjoni li hadet is-socjeta` konvenuta ghat-talba attrici hija li, hlief ghall-ammont ta' £9,895.50, hija mhiex il-legittimu kontradittur, izda responsabbli ghall-hlas hija s-socjeta` estera li taghha talbet il-kjamata fil-kawza. Hu

car, allura, li s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex interess issejjah lis-socjeta` estera fil-kawza, ghax jekk is-socjeta` konvenuta, kif tallega, mhux responsabbli, allura tigi liberata mill-osservazzjoni u m'ghandiex interess li titfa' r-responsabbilta` fuq haddiehor. Is-socjeta` konvenuta mhux qed tallega komunjoni ta' interess mas-socjeta` estera, izda li hi ma hi responsabbli xejn ghal kull ammont oltre £9,895.50.

L-interess taghha, *se mai*, hu li ssejjah rapprezentanti tas-socjeta` estera bhala xhieda, jekk hekk jidhrilha opportun, izda mhux li ssejjah lil dik is-socjeta` fil-kawza.

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet fil-meritu, din il-Qorti, f'kull kaz, tara li l-appell tas-socjeta` konvenuta ghandu jitqies null u irritwali peress li parti li taghmel rikors ghal rikonsiderazzjoni ta' cahda ta' talba (kif sar f'dan il-kaz) ma tistax, in segwitu`, tressaq appell kontra l-istess cahda tat-talba. Dan il-punt gie diskuss ricentement minn din il-Qorti fil-kawza **Farrugia v. Suprentendent tas-Sahha Pubblika et**, deciza fid-29 ta' Mejju 2009 fejn ghal kaz li ghandu xebh ma' dak li sehh f'din il-kawza intqal hekk:

"L-appellanti Farrugia ghalhekk kellhom wahda minn zewg toroq x'jaghzlu in segwitu` ghad-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 li bih hassew ruhhom aggravati:

"(1) li jaghmlu rikors fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet inqara fejn jitolbu lill-Qorti tirrikunsidra d-decizjoni taghha (kif fil-fatt ghamlu fil-5 ta' Frar 2008), jew

"(2) li jaghmlu appell fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet inqara.

"Huma ghazlu l-ewwel triq, izda jidher li meta d-digriet tal-4 ta' Gunju 2008 ma tahomx ir-rizultat li xtaqu, iddecidew li jiehdu t-tieni triq ukoll, u cioe` li jappellaw mill-ewwel digriet tal-31 ta' Jannar 2008.

"Il-provvedimenti tal-Artikolu 229 certament ma jikkontemplawx din il-possibbilta`. L-Artikolu 229(4) jaghmilha cara li biex wiehed jitlob lill-Qorti tirrikunsidra

digriet taghha stess, ma jridx ikun sar appell minnu. Jigifieri f'dak it-terminu ta' sitt ijiem minn meta jkun inqara d-digriet fil-miftuh, il-parti aggravata tista' jew tappella mid-digriet jew titlob lill-Qorti ghar-rikunsiderazzjoni. Jew wahda jew l-ohra. Ma tistax dik il-parti taghmel rikors ghal rikonsiderazzjoni u wkoll rikors tal-appell. U wisq anqas ma tista' taghmel rikors ghal rikonsiderazzjoni, toqghod tistenna l-ezitu tieghu, imbaghad tiddeciedi li tappella mid-digriet originali erba' xhur u ghaxart ijiem wara!

"Dan ir-rikors tal-appell mid-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 huwa ghalhekk null. Tali nullita` tista' tigi sollevata, kif fil-fatt qed tigi sollevata *ex officio* mill-Qorti stante li t-termini u l-madalita` tal-appell huma materji ta' ordni pubbliku." (Sottolinear ta' din il-Qorti)

Dan kollu jghodd ghal din il-kawza.

Hu interessanti wkoll dak li qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) f'kuntest differenti fil-kawza **Abela v. Direttur tas-Sigurta` Socjali**, deciza fis-6 ta' Gunju 2008, fis-sens illi

"Lanqas ma jidher, imbaghad, illi hu guridikament accettabbli illi s-sokkombenti, li ma jkunx ippropona appell mid-decizjoni fil-mertu u fiz-zmien utli, japprofitta ruhu mic-cahda tat-talba tieghu ghal rikonsiderazzjoni biex jintroduci appell ta' impunjattiva ta' dik l-istess decizjoni li tkun ghaddiet in gudikat."

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tichad it-talba kif kontenuta fir-rikors tal-appell stante li l-istess appell huwa irritu u null. Tordna li l-atti jigu rimessi lura lill-ewwel Qorti.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------